# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar, 2024.**

**Numru 7**

**Rikors numru 354/15/2 LM**

**George Borg**

**v.**

1. **Awtorità għat-Trasport f'Malta kif korrett b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2015;**
2. **Valletta Gateway Terminals Limited (C-38888); u**
3. **Troy Ship Management Limited (C-36231)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar żewġ appelli mressqa minn tnejn mill-konvenuti minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla (aktar 'l isfel imsejħa "l-Ewwel Qorti") mogħtija fit-18 ta' Ottubru, 2019 li permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi kontra ż-żewġ appellanti wara li sabithom

solidalment responsabbli għall-inċident abbord bastiment fejn l-attur sofra diżabilità permanenti.

## Daħla

2. B'rikors maħluf ippreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' April, 2015 mill-attur George Borg (aktar l' isfel imsejjah l-appellat jew l-attur appellat) kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (aktar 'l isfel imsejħa (l-Awtorità konvenuta jew l-Awtorità appellanti); Valletta Gateway Terminals Limited (aktar 'l isfel imsejħa Valletta Gateway) u Troy Ship Management Limited (aktar 'l isfel imsejħa Troy Ship) l-attur ippremetta u talab is-segwenti:

> "1. Illi l-esponent jaħdem bħala ħaddiem tal-port mal-konvenuta Transport Malta, u dan bis-saħħa tal-liċenzja numru seba' mija u ħamsa (705);
>
> 2. Illi, nhar id-19 ta' Lulju, 2013, l-esponent kien qiegħed fuq xogħlu ġewwa Laboratory Wharf, Kordin – ossia ġewwa l-post li jinsab taħt il-kontroll effettiv tal-kumpannija konvenuta Valletta Gateway Terminals Limited (C 38888) – preċiżament abbord il-bastiment reġistrat bl-isem ta' 'Blankenese', li tiegħu lkumpannija konvenuta Troy Ship Management Limited (C 36231) kienet l-aġent;
>
> 3. Illi, dakinhar tad-19 ta' Lulju, 2013, l-esponent, waqt illi kien qiegħed fuq xogħlu kif ingħad, kien involut f'inċident li seħħ unikament minħabba l-imprudenza, innegliġenza, l-imperizja, u n-nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti da parti talkonvenuti, jew ta' min minnhom (Dok. A);
>
> 4. Illi b'riżultat tal-inċident imsemmi tad-19 ta' Lulju, 2013, l-esponent sofra danni inġenti konsistenti kemm f'damnum emergens u kif ukoll f'lucrum cessans, u dan anke għaliex huwa sofra diżabilità permanenti (Dok. B);
>
> 5. Illi minkejja li, permezz ta' ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar, 2015 (Dok. Ċ), ilkonvenuti ġew interpellati sabiex jassumu r-responsabbilità tal-

inċident tad-19 ta' Lulju, 2013, u konsegwentement sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u għall-ħlas ta' danni favur l-esponent, l-istess konvenuti baqgħu inadempjenti mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi;

6. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża. Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għall-inċident li seħħ nhar id-19 ta' Lulju, 2013 ġewwa Laboratory Wharf, Kordin, abbord ilbastiment reġistrat bl-isem ta' 'Blankenese', u konsegwentement l-istess konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli għad-danni kollha li sofra listess esponenti b'riżultat tal-istess imsemmi inċident;

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, id-danni kollha li sofra lesponent;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom, sabiex iħallsu lill-esponent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29 ta' Jannar, 2015, kontra lkonvenuti li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni".

3. B'<u>risposta maħlufa</u> tas-7 ta' Mejju, 2015 is-soċjetà konvenuta Valletta Gateway laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-kawża odjerna hija preskritta ai termini talArtikolu 29 tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti (Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Illi fit-tieni lok u in linea preliminari, is-soċjetà esponenti ma hijiex il-prinċipal talattur u qatt ma kienet, u għalhekk ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika u/jew kuntrattwali bejn l-attur u s-soċjetà esponenti ta' din ix-xorti, u għalhekk l-azzjoni kif proposta mill-attur ma tistax tissussisti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attur;

4. Illi l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ waqt li l-attur kien abbord il-bastiment 'M.V. Blankenese', fejn is-soċjetà esponenti m'għandha ebda setgħat jew responsabbiltajiet;

5. Illi f'kull każ, l-inċident odjern ma seħħx tort ta' xi nuqqasijiet attribwibbli lissoċjetà esponenti u għalhekk id-dikjarazzjoni kontenuta f'paragrafu tlieta tarrikors ġuramentat qed tiġi kontestata in kwantu s-soċjetà esponenti bl-ebda mod ma naqset mid-dmirijiet tagħha skont il-liġi;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fi kwalunkwe każ l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ ukoll minħabba nuqqas da parti tal-attur li jsegwi proċeduri ta' prudenza fl-esekuzzjoni ta' xogħlu u/jew fuq il-post tax-xogħol;

7. Illi għalhekk l-ewwel talba attriċi kif diretta kontra s-soċjetà esponenti m'għandhiex tintlaqa'; 8. Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jiġu likwidati jew imħallsa mis-soċjetà esponenti u għalhekk it-tieni u t-tielet talbiet għandhom jiġu miċħuda; 9. Salvi eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi.;"

4. B'<u>risposta maħlufa</u> tat-8 ta' Mejju, 2015 l-Awtorità konvenuta laqgħet għat-talbiet attriċi billi ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

"1. Illi preliminarjament, l-isem korrett tal-esponenti skont il-liġi huwa 'l-Awtorità għat-Trasport f'Malta' u għalhekk hemm lok għal korrezzjoni tal-okkju f'dan issens. L-eċċipjenti qiegħda tippreżenta din ir-risposta bħala 'l-Awtorità għatTrasport f'Malta';

2. Illi preliminarjament ukoll, l-eċċipjenti mhijiex il-leġittimu kontradittur għattalbiet tal-attur;

3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjonijiet, l-Awtorità eċċipjenti mhijiex responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża;

4. Illi wkoll fil-mertu u mingħajr preġudizzju għal fuq eċċepit, kwalunkwe danni allegati huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati;

5. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi".

5. B'<u>risposta maħlufa</u> tal-14 ta' Mejju, 2015 is-soċjetà Troy Ship ressqet is-segwenti eċċezzjonijiet:

"1. Illi l-eċċipjenti kif ċitata, ma għandha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-attur u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

> 2. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti ma kellhiex responsabbilità għall-inċident mertu tal-kawża u għad-danni konsegwenzjali u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
>
> 3. Illi għalhekk, in vista tal-premess, ma hemmx danni x'jiġu likwidati kontra leċċipjenti;
>
> 4. Salvi kontestazzjonijiet ulterjuri".

6. B'sentenza tat-18 ta' Ottubru, 2019 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża bil-mod segwenti:

> "1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta Troy Ship Management Limited;
>
> 2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti Valletta Gateway Terminals Limited u Awtorità għat-Trasport f'Malta;
>
> 3. Tilqa' t-talbiet tal-attur limitatament fil-konfront tal-konvenuti Valletta Gateway Terminals Limited u Awtorità tat-Transport f'Malta, u tiddikjarahom solidament responsabbli għall-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri li seħħ fid-19 ta' Lulju, 2013 ġewwa Laboratory Wharf, Kordin, abbord il-bastiment reġistrat bl-isem ta' 'Blankenese', u konsegwentement l-imsemmija konvenuti huma responsabbli għad-danni kollha li sofra l-istess attur b'riżultat tal-imsemmi inċident;
>
> 4. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' sitta u tmenin elf, erba' mija u tlieta u tletin Euro u sittin ċenteżmu (€86,433.60), u tikkundanna lill-konvenuti Valletta Gateway Terminals Limited u Awtorità għat-Transport Malta jħallsu solidament bejniethom lill-attur is-somma hekk likwidata bħala danni.
>
> Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuti Valletta Gateway Terminals Limited u Awtorità għat-Transport f'Malta.

7. Fil-5 ta' Novembru, 2019 l-Awtorità konvenuta ppreżentat rikors tal-appell, li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tħassar u tirrevoka dik il-parti fis-sentenza fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità konvenuta u laqgħet it-

talbiet tal-attur fil-konfront tal-istess Awtorità appellanti, u minflok, tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-Awtorità appellanti u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur appellat fil-konfront tal-Awtorità appellanti.

8. Fis-6 ta' Novembru, 2019 is-soċjetà konvenuta Valletta Gateway ippreżentat rikors tal-appell li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet lil din il-Qorti (i) tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha u tiċħad it-talbiet kollha tal-attur; (ii) sussidjarjament u bla preġudizzju, fl-eventwalità li ma tiċħadx it-talbiet kollha attriċi, tilqa' t-talbiet attriċi unikament fil-konfront tal-konvenuti l-oħra u/jew fil-konfront tal-aġent tal-bastiment Blankese li ma ġiex imħarrek f'dawn il-proċeduri

9. Ġew ippreżentati erba' risposti għal dawn l-appelli, fis-26 ta' Novembru, 2019 mill-attur appellat għall-appell tal-Awtorità konvenuta, fid-19 ta' Diċembru, 2019 mill-Awtorità konvenuta għall-appell tas-soċjetà konvenuta Valletta Gateway, fit-23 ta' Diċembru, 2019 mill-attur appellat għall-appell tas-soċjetà konvenuta Valletta Gateway, u fil-15 ta' Mejju, 2020 mis-soċjetà konvenuta Troy Ship għaż-żewġ appelli msemmija.

**Fatti Rilevanti**.

10. Opportun qabel xejn naraw il-fatti rilevanti li wasslu għal din il-kawża.

11. L-attur appellat huwa ħaddiem tax-xatt, burdnar. Fil-jum tad-19 ta' Lulju, 2013 huwa flimkien ma' ħaddiem ieħor ġew inkarigati mill-kumpanija konvenuta Valletta Gateways sabiex jitilgħu abbord il-bastiment bl-isem "Blankesse" li kien sorġut ġewwa Laboratory Wharf, Kordin, sabiex iħottu merkanzija minn fuqu. Jirriżulta mill-atti illi dan il-bastiment kien ġie kolpit b'mandat ta' arrest u allura ttieħdet id-deċiżjoni li l-merkanzija ta' fuqu tinħatt u titgħabba fuq żewġ vapuri oħra, sabiex tkun tista' tkompli fi triqitha lejn id-destinazzjoni tagħha.

12. Qabel bdiet l-operazzjoni tal-ħatt telgħu abbord il-vapur uffiċjal mis-soċjetà appellanti Valletta Gateway u *foreman* tal-ħaddiema tax-xatt liċenzjat mill-Awtorità appellanti sabiex flimkien mal-kaptan tal-bastiment ifasslu pjan dwar kif kellha tinħatt il-merkanzija konsistenti f'serratizzi tal-injam, bħalma jsir is-soltu qabel jibda l-ħatt ta' merkanzija. Din il-merkanzija kienet ippakkjata ġo plastik oħxon mhux trasparenti ta' kulur abjad. La r-rappreżentant ta' Valletta Gateway u lanqas il-*foreman* ma setgħu jaraw dak il-ħin kif kien stivat dak l-injam. L-attur u diversi xhieda prodotti mill-partijiet xehdu illi din kienet l-ewwel okkażżjoni fl-esperjenza lavorativa tagħhom li ltaqgħu ma tali sitwazzjoni fejn il-merkanzija tkun mgħottija bil-plastik oħxon abjad li ma jħallikx tara x'hemm taħtu. Irriżulta mix-xhieda tal-ħaddiem tax-xatt Redent Zammit li kien qed jaħdem mal-attur fil-ħin tal-inċident illi wara li huma telgħu fuq il-merkanzija sabiex

tibda l-operazzjoni tal-ħatt huma ndunaw li l-injam ma kienx stivat sew imma ma laħqux informaw lill-*foreman* u komplew jaħdmu peress li qiesu illi kien meħtieġ li l-merkanzija tinħatt kemm jista' jkun malajr.

13. F'ħin minnhom il-plastik ta' taħt saqajn l-attur ma reġġiex il-piż tiegħu u waqa' għoli ta' żewġ metri u korra gravi.

14. L-attur mhux jitlob danni referibbli għal-*lucrum cessans* iżda qed jitlob danni referibbli għall-*damnum emergens* rappreżentanti d-differenza fl-introjtu li huwa tilef matul iż-żmien kollu li huwa ma setax jidħol għax-xogħol, minn dakinhar li seħħ l-inċident sal-ġurnata meta rtira mix-xogħol. L-ispejjeż li nkorra relatati mal-kura li kellu bżonn ġew lilu rifużi minn skemi assikurattivi. L-Ewwel Qorti llikwidat id-danni kif mitluba mill-attur fis-somma ta' €86,433.60.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

15. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-appellanti Valletta Gateway tgħid illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* tal-**Artikolu 29** tal-**Att dwar il-Portijiet u Bastimenti** (Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta) kellha tiġi akkolta mill-Ewwel Qorti. Tgħid illi ġaladarba dan l-artikolu jibda bil-kliem "Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra…", għandu jsegwi illi din hija liġi speċjali li għandha tipprevali fuq kull liġi oħra sa fejn japplika

Kap. 352. Tgħid illi hi hija effettivament "kuntrattur" *ai termini* tal-Kap. 352 u għalhekk il-każ odjern jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 29 ta' Kap. 352 peress li l-inċident inkwistjoni seħħ (i) "abbord bastiment" u (ii) jitratta dwar "ħsara li ssir lil xi persuna", f'dan il-każ ħsara illi saret lill-attur appellat. Tgħid illi l-Ewwel Qorti njorat ġurisprudenza li ssostni t-teżi tagħha. Tilmenta illi l-Ewwel Qorti straħet biss fuq is-sentenza **Joseph Casha v. Valletta Gateway Terminals Limited** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' April, 2018 fejn ġie ritenut illi r-relazzjoni tal-ħaddiem tax-xatt mal-kuntrattur jew mal-awtorità fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol mhijiex regolata bil-Kapitolu 352 u għalhekk qieset illi t-terminu ta' dekadenza ta' sena hemm kontemplat ma kienx applikabbli fejn *si tratta* ta' korriment ta' ħaddiema tax-xatt waqt li qed iħottu tagħbija. L-appellanti Valletta Gateway tagħmel referenza għas-sentenza **Raymond Saliba v. Valletta Gateway Terminals Limited** mogħtija mill-Prim'Awla fit-2 ta' Novembru, 2015 fejn il-Qorti applikat it-terminu ta' dekadenza ta' sena *ai termini* tal-Artikolu 29 tal-Kap. 352 f'każ fejn ħaddiem tax-xatt impjegat tal-appellanti kien weġġa waqt li kien fuq il-moll iħott merkanzija. Tgħid illi tali terminu kellu japplika wkoll fil-każ odjern fejn il-burdnar weġġa meta kien qiegħed fuq il-bastiment iħott.

16. Tilmenta l-appellanti illi l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta fl-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 29 (a) u (b) tal-Kap. 352. L-appellanti

tqis illi dan l-artikolu huwa applikabbli għall-każ odjern peress li jipprovdi *inter alia* dwar azzjoni kontra l-Awtorità jew il-kuntrattur għal xi telf jew ħsara lil xi persuna abbord bastiment. L-appellanti Valletta Gateway tibqa' tinsisti illi r-relazzjoni bejn l-attur appellat u s-soċjetà appellanti "temani b'konsegwenza tar-responsabbiltajiet illi għandha l-VGT taħt il-Kap. 352 u dan għaliex il-kawża tirrigwarda inċident li seħħ waqt l-*unloading* ta' merkanzija abbord il-bastiment Blankanese, liema operazzjoni ta' ħatt hi responsabbilità tas-soċjetà appellanti qua kuntrattur tal-Awtorità taħt il-Kap. 352." Tgħid illi hi obbligata bil-liġi u mill-awtorità konvenuta "li tingaġġa biss ħaddiema tax-xatt liċenzjati mill-istess Awtorità." Tinsisti illi ġaladarba r-relazzjoni ġuridika bejn l-attur u s-soċjetà Valletta Gateway temani mill-Kap. 352 allura fl-azzjoni li ħa l-attur kontra tagħha għandu japplika ż-żmien preskrittiv ta' sena kontemplat fl-istess Kap. 352.

Ikkunsidrat;

17. Din il-Qorti tosserva li dwar Artikolu 29 tal-Kap. 352 is-soċjetà appellanti tagħti interpretazzjoni kuntrastanti għall-aħħar minn dik mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Neċessarju għalhekk neżaminaw sew il-provvediment in dizamina kif ukoll il-ġurisprudenza in materja.

18. In tema ta' interpretazzjoni ta' liġijiet, huwa aċċettat illi l-għan prinċipali tal-interpretazzjoni huwa d-determinazzjoni tal-volontà tal-leġislatur kif tirriżulta mit-test tad-disposizzjonijiet statutorji. "Jezistu diversi kriterji interpretativi biex tigi individwata din il-volontà, l-ewwel fosthom dik letterali konsistenti fid-determinazzjoni tat-tifsira tal-kliem in bazi għall-valur semantiku taghhom skont l-uzu lingwistiku generali. Certi kummentaturi bhal Trabucchi ("Istituto di diritto civile", 41, ret. 1) jiddistingwu f' dan il-kriterju zewg fazijiet, (i) dik lessikali u (ii) dik grammatikali, relattivi, il-wahda, ghas-sinifikat tal-kelma "in se" u l-ohra ghas-sinifikat li din il-kelma tassumi fil-kuntest tal-proposizzjoni normattiva skont ir-regoli grammatikali u sintattici. Naturalment f' kaz bhal dan hi dejjem ippreferuta l-interpretazzjoni logika li l-aktar tikkorrispondi ghar-rabta tas-sinjifikati rizultanti mid-diversi partijiet tal-istess dispożizzjoni jew tad-diversi dispożizzjonijiet tal-ligi, intiz dan bhala kumpless dotat minn sens organiku u intelligibbli dirett ghal certu skop; " (**Publius Grech v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali** - Appell Inferjuri - 10/10/2005).

19. Ċiċerun jiddefinixxi l-interpretazjoni bħala dak l-eżerċizzju li permezz tiegħu minn sinjali oskuri jinstiltu tifsiriet b'sinifikat - *obscura explanare interpretando*. Fl-eżerċizzju tal-interpretazzjoni ta' provvedimenti normativi jeħtieġ li l-ġudikant jiddeċiedi (jagħżel) liema

mid-diversi possibiltajiet ta' interpretazzjoni tesponi l-aħjar l-intenzjoni tal-leġislatur.

20. Rilevanti dak li jingħad fix-xogħol **Manuale di Diritto Privato**[1]: "L'attribuzione a un documento legislativo del senso piu' immediato e intuitivo viene detta interpretazione – dichiarativa - . Il canone metodologico *in claris non fit interpretatio* prescrive di attenersi, ovunque sia possibile, se la lettera della legge non e' oscura, ad una interpretazione dichiarativa…….. Quando invece il processo interpretativo attribuisce ad una disposizione un significato diverso da quello che apparirebbe, a prima vista, esserle "proprio", e cioe' attribuisce alla legge una portata diversa da quella che il suoe tenore letterale potrebbe suggerire, si parla di interpretazione "correttiva", nelle due forme della interpretazione "estensiva" e della interpretazione "restrittiva"."

21. **Artikolu 29 tal-Kap. 352**, bin-nota marġinali taqra *Limitazzjoni ta' Azzjoni*, jipprovdi kif ġej:

> "Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment kemm-il darba –
>
> (a) talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-

[1] **Torrente Schlesinger** – Giuffre' – (26th Edit. 2023) - paġ. 45.

kuntrattur, skont il-każ, mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur;

(b) l-azzjoni ma tinbedix fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data:

Iżda l-Awtorità jew il-kuntrattur, skont il-każ, jista' jestendi ż-żmien speċifikat fil-paragrafu (a) b'dak iż-żmien l-ieħor ta' mhuxi żjed minn sitt xhur li jidhrilha xieraq jekk tkun sodisfatta li t-talba ma setgħetx issir b'mod xieraq fiż-żmien speċifikat kif intqal qabel:

Iżda wkoll l-Awtorità jew il-kuntrattur, skont il-każ, ma jkunux responsabbli għal aktar mil-limiti jew mill-ammonti stabbiliti b'liġi, jew f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu preskritti".

22. Jiġi osservat illi s-sentenza **Raymond Saliba v. Valletta Gateway Terminals Limited** mogħtija mill-Prim'Awla fit-2 ta' Novembru, 2015, ċitata mis-soċjetà appellanti in sostenn tal-aggravju tagħha, ġiet appellata u revokata b'sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Frar, 2021 wara li għamlet il-konsiderazzjoni segwenti rilevanti wkoll għall-appell odjern:

"20. ……Artikolu 29 tal-Kap. 352 m'ghandux japplika fejn l-allegati danni gew ikkawzati waqt li l-attur kien qieghed jaqdi d-dmirijiet tieghu fuq il-post tax-xoghol mal-kuntrattur. B'hekk, l-azzjoni attrici hija relattiva ghar-relazzjoni kuntrattwali bejniethom, l-attur innifsu m'huwiex utent tas-servizz moghti mis-socjeta` konvenuta bhala kuntrattur tal-Awtorita` kompetenti u huwa estranju ghar-responsabbiltajiet u s-setghat tas-socjeta` appellata, bhala kuntrattur tal-Awtorita` kompetenti naxxenti minn kuntratt separat. F'dan il-kaz ukoll, ma kien hemm ebda "oggetti" li s-socjeta` konvenuta bhala l-kuntrattur kellu "jaccetta" fil-konfront tal-attur. Kif gustament josserva l-appellant, ir-responsabbilita` tas-socjeta` appellata bhala dik li thaddem in-nies maghha, li tipprovdi a *safe place of work* lill-impjegati taghha, inkluz l-attur, mhix responsabbilita` naxxenti mill-Kap. 352 tal-Ligijiet ta' Malta, izda kif inghad qabel, hija obbligazzjoni kuntrattwali li hija ghandha fil-konfront tal-attur. Kwindi l-principju *lex specialis derogat lex generalis*, citat mill-ewwel Qorti, m'ghandux relevanza f'dan il-kaz, in kwantu l-Artikolu 29 tal-Kap. 352, mhux applikabbli ghall-kaz in ezami (ara Joseph Casha v. VGT Ltd et deciza minn din il-Qorti fit-13 ta' April, 2018).

21. …………………… Ghalkemm it-talba attrici hija wahda ta' danni konsegwenti ghal incident li sehh waqt il-hatt ta' merkanzija minn fuq il-

> bastiment, senjatament waqt li l-attur kien qieghed isuq forklifter fuq il-moll, ghalkemm din il-Qorti taqbel mal-gurisprudenza citata mis-socjeta` appellata li l-Artikolu 29 japplika wkoll ghal azzjonijiet li jsiru kontra l-Awtorita` jew il-kuntrattur ghal telf jew hsara li ssir fuq l-art, inkluz il-moll, izda dan japplika ghall-hsara li jgarrbu l-oggetti fil-hatt ta' merkanzija fl-ambitu tal-Kap. 352. Dan il-kaz ma jitrattax danni mgarrba mill-oggetti fil-process ta' hatt, izda danni allegatament mgarrba minn impjegat tas-socjeta` appellata, li sehh fuq il-moll, waqt il-qadi ta' dmirijietu. Hekk ukoll il-"hsara li ssir lil xi persuna" citata mis-socjeta` appellata, ma tistax tigi spezzettata kif tittanta taghmel is-socjeta` appellata, izda trid tinqara fil-kuntest shih tal-Artikolu 29 talKap. 352, li jigi ribadit li ma japplikax ghall-attur appellant bhala impjegat tas-socjeta` appellata….." (sottolinear ta' din il-Qorti).

23. Din il-Qorti tirribadixxi illi minn qari tal-Artikolu 29 fit-totalità tiegħu flimkien mal-kumplament tal-provvedimenti tal-Att 352 jemerġi illi l-azzjonijiet hemm kontemplati ma jinkludux ċirkostanzi bħal dawk mertu tal-kawża odjerna fejn ħaddiem iweġġa fuq il-post tax-xogħol. L-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti jirregola r-relazzjoni bejn l-utenti tas-servizzi mogħtija mill-awtorità appellanti u l-kuntratturi tagħha. L-attur ma hux utent la tal-awtorità appellanti u lanqas tas-soċjetà appellanti *qua* kuntrattur inkarigat mill-awtorità. Ta' rilevanza dak li jipprovdi Kap. 352 dwar l-operat tal-awtorità u l-kuntratturi tagħha fis-sens illi kull persuna li tippreżenta oġġetti lill-Awtorità jew lill-kuntrattur biex ikunu mbarkati jew jitqiegħdu f'maħżen, jew li titlob konsenja ta' oġġetti minn maħżen għandha tagħti dak it-tagħrif dwar l-oġġetti kif jista' jkun preskritt jew kif l-Awtorità jew il-kuntrattur jistgħu jeħtieġu.[2] Il-partikolaritajiet meħtieġa għandhom jingħataw jew ikunu provduti f'dik il-forma u f'dak iż-żmien li jistgħu jkunu preskritti jew kif l-Awtorità jew il-kuntrattur jistgħu jeħtieġu.[3]

[2] Art. 7 (1) Kap. 352.
[3] Art. 7 (2) Kap. 352.

Meta l-għoti ta' dokumenti biex ikunu rtirati oġġetti minn maħżen ikun preskritt taħt dan l-Att għall-finijiet ta' dan l-artikolu, l-Awtorità jew il-kuntrattur għandhom ikunu meħlusa minn kull responsabbiltà għall-konsenja tal-oġġetti jekk l-Awtorità jew il-kuntrattur jikkonsenjaw l-oġġetti li għalihom jirreferu d-dokumenti lill-persuna li tippreżenta dawk id-dokumenti.[4] Dan hu l-qofol ta' dak li Kap. 352 jirregola fil-kuntest li sezzjonijiet tal-portijiet huma desinjati bħala mħażen u postijiet ta' depożitu fejn merkanzija u *containers* jiġu żbarkati, maħżuna u mill-ġdid imbarkati għal destinazzjonijiet oħra.

24. Tqis għalhekk illi t-terminu preskrittiv dispost bl-Artikolu 29 tal-Kap. 352 ma hux applikabbli għall-azzjoni odjerna.

25. **Għaldaqstant issib illi l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanti ma hux mistħoqq u qed jiġi miċħud**.

26. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> s-soċjetà appellanti tgħid illi ma hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejnha u l-attur. Tgħid illi *se mai* l-unika responsabbilità li tista' tirriżulta fil-konfront tas-soċjetà appellanti hija dik *extra*-kuntratwali. Tgħid li l-kawża prossima tal-inċident ma kienx xi att jew nuqqas ta' att da parte tas-soċjetà appellanti anke għaliex kienet l-

[4] Art. 7 (3) Kap. 352.

Ewwel Qorti stess li qieset illi kien kważi impossibbli li s-soċjetà appellanti setgħet tippreveni l-inċident.

27. Tgħid illi kien George Portelli bħala l-*foreman* tal-ħaddiema tax-xatt li tela' abbord il-bastiment qabel beda l-ħatt sabiex jevalwa l-merkanzija. Tgħid li George Portelli ma huwiex impjegat tagħha u ma kienx imqabbad minnha. Tgħid illi l-ħaddiema tax-xatt jaqgħu fil-kategorija ta' *self employed* u jaqgħu taħt l-awtorità tal-Awtorità konvenuta inkwantu huma liċenzjati mill-istess Awtorità u huma regolati minnha wkoll. Tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset illi kien "uffiċjal ta' VGT" li tela' fuq il-bastiment inkwistjoni sabiex jara' l-merkanzija, meta fil-fatt jirriżulta li kien George Portelli li la hu rappreżentant u lanqas ufficjal tas-soċjetà appellanti.

28. Tgħid illi l-uniku involviment illi għandha hu li titlob lill-iskema tal-Ħaddiema tax-Xatt sabiex tgħaddilha numru ta' ħaddiema tax-xatt u foremen sabiex iwettqu t-tagħbija jew ħatt minn fuq il-bastiment u kif ukoll għas-sorveljanza. Tkompli billi tissottometti illi "Dan is-soċjetà appellanta tagħmlu għaliex hi marbuta bil-liġi li tagħmel hekk, u dan għaliex il-VGT hi projbita li tagħmel ix-xogħol minn impjegati tagħha stess jew tinkariga terzi sabiex iwettquh *ai termini* tal-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar il-Portijiet (Kap. 171 tal-Liġijiet ta' Malta.)." Tgħid illi la hi l-prinċipal u lanqas id-datur tax-xogħol tal-ħaddiema tax-xatt filwaqt li l-*foreman* jiġu assessjati

u mogħtija liċenzja mill-istess awtorità u mhux minn Valletta Gateway li ma jkollha l-ebda kontroll dwar min ser ikun jiġi ingaġġat bħala 'f*oreman*' jew ħaddiem tax-xatt għal dik l-operazzjoni partikolari. Il-*foreman* huwa impjegat tal-Awtorità u mħallas mill-istess Awtorità.

29. Dwar dan it-tieni aggravju l-Qorti tibda billi tippuntwalizza illi jirriżulta mill-atti li Laboratory Wharf, Kordin, fejn seħħ l-inċident, huwa operat u taħt il-kontroll tas-soċjetà appellanti Valleta Gateway Terminals Limited skont *concession agreement* bejnha u l-Awtorità appellanti. Ma hu minnu xejn dak sottomess mis-soċjetà appellanti illi l-ebda uffiċjal tagħha ma tela abbord qabel beda l-ħatt tal-merkanzija sabiex tassigura illi ma kienx hemm perikolu għall-ħaddiema. Jirriżulta mill-atti illi qabel ma' l-attur u ħaddiema tax-xatt oħra telaw abbord, James Borg, *senior operations manager* tas-soċjetà appellanti, mar abbord il-bastiment *Blankenese* sabiex flimkien mal-*foreman* tal-ħaddiema tax-xatt u l-kaptan tal-bastiment isegwu *checklist* li fost l-iskopijiet tagħha hemm li jaraw li ma hemmx perikolu għall-ħaddiema u li l-ħatt jista' jsir. Għalhekk, kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjetà appellanti fit-tieni aggravju tagħha, sew qalet l-Ewwel Qorti illi rappreżentant tas-soċjetà appellanti tela' abbord flimkien ma' ħaddieħor sabiex jispezzjonaw fejn meħtieġ qabel jinbeda l-ħatt tal-merkanzija.

30. Din il-Qorti żżid tgħid illi fiċ-ċirkokstanzi dan huwa l-minimu li huwa mistenni minn min huwa responsabbli mill-port fejn seħħ l-inċident. Port fejn l-operazzjonijiet tax-xogħol huma intrinsikament perikolużi proprju minħabba n-natura tagħhom. Valletta Gateway ma tistax tgħid illi s-*senior operations supervisor* tagħha James Borg ma kienx qed jirrapreżentaha f'dik l-operazzjoni. F'dan is-sens is-sottomissjonijet kollha li tagħmel is-soċjetà appellanti dwar li l-*foreman* li ma hux ingaġġat minnha u lanqas imħallas minnha jitilfu r-rilevanza tagħhom ġaladarba ġiet ippruvata l-preżenza u l-parteċipazzjoni tal-uffiċjal tas-soċjetà appellanti abbord il-bastiment qabel beda l-ħatt tal-merkanzija bl-iskop li jsir '*risk assessement*' u pjan tax-xogħol. Il-ħatt tal-merkanzija beda mill-attur u sħabu wara li rappreżentant tas-soċjetà appellanti flimkien mal-*foreman* tal-ħaddiema tax-xatt u l-kaptan taw il-kunsens tagħhom.

31. Dwar l-aggravju tal-appellanti illi hija ma kinitx id-datur tax-xogħol tal-attur u allura ma kellhiex obbligu li tipprovdi '*a safe system of work*' għall-ħaddiema tax-xatt, din il-Qorti tibda billi tirrileva illi l-obbligu li jiġi provdut '*a safe system of work*' ma jitwilidx biss bejn min iħaddem u l-impjegat tiegħu jew tagħha.

32. Min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem. Meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel

imsemmi, <u>min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra</u>, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu mill-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424) u mir-regolamenti magħmulin taħt dak l-Att. (**Art. 6 (1) Kap. 424**). Minn dan jemerġi illi f'dak kollu li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-obbligi tas-soċjetà appellanti ma kienu xejn anqas minn dawk li kieku l-ħaddiema li kienu inkarigati jħottu l-merkanzija kienu impjegati diretti tagħha. Sewwa qalet l-Ewwel Qorti meta rriteniet illi "…. minkejja li l-attur ma kienx impjegat tal-konvenuta Valletta Gateway Terminals, din il-kumpanija għandha diversi obbligi fil-konfront tal-haddiema tax-Xatt, kemm waqt li dawn ikunu qegħdin jahdmu fuq il-mollijiet kontrollati minnha, kif ukoll waqt li jkunu qeghdin isiru operazzjonijiet ta' hatt abbord, minhabba li hija din il-kumpanija li trid tassigura li l-post ta' dawn il-haddiema li jintalbu jahdmu fih ikun wiehed sigur ….."

33. Fit-tieni aggravju tagħha s-soċjetà appellanti tilmenta wkoll illi ma ġiex ippruvat illi xi nuqqas tagħha kien il-kawża prossima tal-inċident li fih weġġa l-attur. Naturalment dan qed tgħidu s-soċjetà appellanti fl-isfond illi rriteniet li ma kellha l-ebda obbligu li tassigura '*a safe system of work*' u li l-ebda uffiċjal tagħha ma tela abbord il-vapur sabiex jiġi spezzjonat għall-finijiet li jiġi vverifikat li ma hemmx perikolu għall-ħaddiema. Pretensjonijiet dawn li rriżultaw infondati, kif allura hija wkoll infondata l-

pretensjoni li ma hemmx ness bejn nuqqasijiet li għalihom hi responsabbli s-soċjetà appellanti u l-inċident mertu tal-kawża.

34. Ir-rappreżentanti tas-soċjetà appellanti u tal-awtorità appellanti insistew illi ma setax ikun magħruf minn qabel li l-merkanzija konsistenti f'tavluni tal-injam ma kenitx ta' tulijiet uniformi peress li kienet miksija bi plastik li ma kienx trasparenti. Insistew illi peress li l-merkanzija kellha wara li tinħatt terġa' titgħabba għall-vjaġġ ieħor ma kienx possibbli li l-plastik jiġi perforat sabiex tiġi eżaminata l-merkanzija. Din il-Qorti ssib tali asserzjoni pjuttost gratuwita u mhux sorretta mill-provi. Ix-xhieda kollha huma konkordi illi din kienet l-ewwel darba fl-esperjenza tagħhom li merkanzija kienet ippakjata b'tali mod li ma kienx possibbli li jsir aċċertament dwar il-mod kif kienet stivata qabel ma beda jsir il-ħatt tagħha.

35. Jekk verament din kienet l-ewwel darba għal kulħadd allura kien altru milli indikat li r-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta jitlob lill-kaptan tal-bastiment sabiex almenu jinkixef kampjun mill-plastik li fih kienet ippakjata l-merkanzija għall-fini li jsir assesjar profesjonali dwar kienx hemm riskji għall-ħaddiema u fl-affermattiv x'kellu jsir sabiex jiġu evitati inċidenti.

36. Ix-xhud James Borg, rappreżentant tas-soċjetà Valetta Gateway, ammetta fix-xhieda tiegħu illi huwa kien spezjona l-merkanzija abbord għan-nom tas-soċjetà appellanti u ammetta wkoll illi lill-kaptan fl-ebda ħin ma talbu sabiex jinkixef il-plastik ħalli jaraw kif l-injam kien stivat. Għalhekk ma ġiex ippruvat sal-grad meħtieġ illi kien hemm xi ostakolu insormontabbli sabiex issir spezjoni aktar approfondita minn kif effettivament saret.

37. Bil-fatt li skont ma xehdu diversi, din il-merkanzija kienet ippakjata fi plastik ta' kulur abjad minflok fi plastik trasparenti, tefgħat fuq ir-rappreżentanti tas-soċjetà appellanti piż akbar li l-ispezzjoni mhux biss issir bħas-soltu <u>iżda li ssir b'aktar kawtela mis-soltu.</u> Ħadd minn dawk responsabbli ma ttenta jitlob li almenu jinkixfu xi ftit mill-*bundles* tal-injam sabiex issir spezjoni diretta tal-mod tal-istivar. Biex jingħad kollox, eżami tar-ritratti li jinsabu a fol. 181 u fol. 182, id-disparita fit-tul tat-tavluni stivati fuq xulxin setgħat tiġi almenu superfiċjalment konstata u tixgħel id-dawl l-aħmar li seta' kien hemm perikolu mistur għall-ħaddiema li kienu ser jitilgħu abbord sabiex jeżegwixxu l-ħatt.

38. Dan kollu juri nuqqas da parti tas-soċjetà appellanti li tagħmel dak kollu possibbli sabiex jiġu evitati inċidenti fuq il-post tax-xogħol tal-ħaddiema tax-xatt. Bil-fatt li kienet marbuta li tingaġġa ħaddiema mil-lista' tal-ħaddiema tax-xatt ma jnaqqas xejn mir-responsabbiltajiet tagħha

fir-rigward bħala l-entità responsabbli mill-operazzjonijiet f'dan il-port partikolari taħt il-kontroll tagħha.

39. Is-soċjetà appellanti tilmenta wkoll illi l-Ewwel Qorti naqset milli taddebita porzjon tar-responsabbilità kontributorja lill-attur appellat meta qieset hi stess illi Redent Zammit u l-attur appellat xehdu illi meta bdew jaħdmu rrejalizzaw illi l-merkanzija fuq il-vapur ma kinitx stivata b'mod regolari u "minkejja li ħassew il-ħtieġa li jiġbdu l-attenzjoni tal-*foreman* dwar dan, xorta waħda ddeċidew li jibdew ix-xogħol."

40. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa fondat.

41. Redent Zammit xehed illi qabel ma' l-attur waqa' kienu diġà ndunaw illi l-injam "Ma kienx ippostjat kif ghandu jkun.."[5] "Tinduna minn l-injam u hekk kif kien. Apparti li diga konna ghidna lil xulxin biex noqgħodu attenti ghax ix-xoghol ma kienx qieghed sewwa."[6] Kompla jixhed illi lill-*foreman* George Portelli ma kinux informawh u baqgħu għaddejjin. Għaliex imxew hekk jagħti din l-ispejga: "Kif dejjem jigri hux. Ghax l-ewwel nibdew ix-xoghol biex ma nghidux ha nwaqqfu x-xoghol u nircievu hafna rapporti li waqqafna x-xoghol u ma ridniex nahdmu. Allura, tibda tahdem xi haga bil-mod fejn ma jkun perikoluz hafna u kif isir il-hin ezempju jew ha jixxiftja l-crane ninzlu isfel niddiskutu mal-*foreman* u

[5] Fol. 325M.
[6] *A tergo* Fol. 325L.

nghidu 'isma, rajna hekk u hekk'. Niehdu hsiebha din il-bicca xoghol ghax mhux qeghdin sewwa. Kif dejjem ghamilna.[7] "Iddeċidejna li nghidulu wara biex ma nwaqqfux ix-xoghol, biex ma nidhrux koroh ahna li qed inwaqqfu x-xoghol u hafna rapporti li ma rridux nahdmu."[8]

42. Minn din ix-xhieda huwa aktar milli evidenti illi effettivament l-attur appellat induna qabel ma seħħ l-inċident illi kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu potenzjali. Bil-fatt li l-attur u Redent Zammit kienu fiżikament fuq il-merkanzija setgħu jikkonstataw direttament illi b'differenza ta' dak li jirriskontraw is-soltu, f'dan il-każ kien jidher li l-injam stivat ma kienx kollu ugwali u li kien hemm il-perikolu li jweġġgħu tant li ġibdu l-attenzjoni ta' xulxin dwar dan u ħeġġew lil xulxin sabiex joqogħdu aktar attenti. L-iżball li għamlu però fil-fehma ta' din il-Qorti huwa illi *una volta* rriskontraw perikolu potenzjali ma waqfux minn dak li kienu qed jagħmlu u ma sejħux lill-*foreman* sabiex jinfurmawh b'dak li kienu rriskontraw u jitolbu direzzjoni dwar il-kumplament tal-ħidma tagħhom.

43. Għalkemm huwa minnu li s-soċjetà konvenuta kellha l-oneru li tassigura li l-lant tax-xogħol ma kellux perikolu għall-ħaddiema, hekk ukoll il-ħaddiem għandu l-oneru illi jevita sitwazzjonijiet ta' perikolu prevedibbli. Una volta l-attur appellat u l-kollega tiegħu telgħu fuq il-merkanzija u l-

[7] Fol. 325M.
[8] Fol. 325N.

perikolu sar parzjalment riskontrabbli, l-attur ma jistax jibqa' jitfa l-ħtija kollha għall-akkadut fuq il-konvenuti appellanti.

44. Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir. Huwa wkoll id-dmir ta' kull ħaddiem li jikkoopera ma' min iħaddem u mar-Rappreżentant jew Rappreżentanti għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol għal dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà. (**Artikolu 7 - Kap. 424**).

45. **Għaldaqstant issib illi l-attur appellat kien parzjalment responsabbli għall-inċident u konsegwentement qed takkolla terz ($^1/_3$) tar-responsabbilità tal-inċident fuqu. F'dan is-sens qed tilqa' parzjalment it-tieni aggravju tas-soċjetà appellanti**.

46. Permezz tat-tielet aggravju tagħha s-soċjetà appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti żbaljat fil-likwidazzjoni tad-danni. Tgħid illi straħet biss fuq kalkoli li kienu bbażati fuq salarju ta' ħaddiem ieħor mingħajr ma ġie assigurat li dan il-ħaddiem l-ieħor kien '*comparable employee*'. Tissottometti illi ħaddiem tax-xatt ma għandux *shifts* regolari filwaqt li l-attur kien viċin l-età pensjonabbli meta seħħ l-inċident u allura l-frekwenza tax-*shifts* kellhom jonqsu meta komparat ma' ħaddiema ta' età iżgħar. Tgħid illi fil-kalkolu tat-telf pretiż mill-attur appellat l-Ewwel Qorti

ma ħaditx inkonsiderazzjoni dak li xehed il-Professur Raymond Gatt li qabel l-inċident l-attur kien diġà jbati minn problemi relatati mal-età fosthom *arthritis* fl-ispina. Tqis għalhekk illi l-Ewwel Qorti kellha tnaqqas persentaġġ tal-*quantum* likwidat.

47. Din il-Qorti ma tirriskontra l-ebda nuqqas da parti tal-Ewwel Qorti meta qieset il-provi mressqa mill-attur dwar id-danni konsegwenzjali għall-inċident. Ma ngabu l-ebda provi li fiż-żmien l-inċident l-attur kien qed inaqqas mill-frekwenza tax-xogħol tiegħu. Lanqas ġie b'xi mod muri illi d-dħul tal-ħaddiem li miegħu sar il-paragun ma kienx jirrifletti d-dħul li kien ser ikollu l-attur li kieku ma korriex.

48. **Għaldaqstant tqis dan it-tielet aggravju bħala infondat u qed jiġi miċħud.**

49. Permezz tar-<u>raba' aggravju</u> s-soċjetà appellanti tilmenta illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti akkordat imgħax mid-data tas-sentenza meta fir-rikors ġuramentat promotur ma kien hemm l-ebda talba għall-imgħax.

50. Dan huwa aggravju fondat. Minn eżami tar-rikors ġuramentat promotur jirriżulta illi l-ebda mgħax ma ntalab mill-attur appellat filwaqt li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti akkordat "l-imgħaxijiet legali mid-

data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv". Kif inżamm minn din il-Qorti fis-sentenza **Av. Dr. Antoine Cachia et. v. Joseph Borg et.** mogħtija fid-29 ta' April, 2016, "Kien ikun hemm xi haga 'ultra petita' kieku l-imghax qatt ma kien mitlub fl-att tac-citazzjoni" u ngħata.

51. **Għaldaqstant il-Qorti ssib illi r-raba' aggravju tas-soċjetà appellanti huwa fondat u qed jiġi akkolt**.

52. Fir-rikors tal-appell tagħha l-Awtorità għat-Trasport f'Malta tressaq żewġ aggravji.

53. Permezz tal-ewwel aggravju, l-Awtorità appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-eċċezzjoni tagħha illi ma hix il-leġittimu kontradittur. Tgħid illi kienet żbaljata l-konklużżjoni tal-Ewwel Qorti li l-Awtorità appellanti kienet responsabbli għall-akkadut meta qieset illi l-miżuri li kellhom jittieħdu għall-protezzjoni u għas-sigurta tal-burdnara waqt it-twettiq tal-operazzjoni ta' ħatt minn fuq il-bastiment Blankansese kienu funzjonijiet li "jaqgħu fil-mansjonijiet u r-responsabbiltajiet tal-Awtorità konvenuta bħala amministratriċi u regolatur tal-ħaddiema tax-Xatt."

54. Il-Qorti tqis dan l-aggravju fondat. Kif rajna rriżulta illi t-*terminal* ta' Laboratory Wharf, Kordin, huwa operat mill-appellanti Valletta Gateway

Terminals Limited bis-saħħa ta' *concession agreement* iffirmat bejn l-istess soċjetà u l-Awtorità appellanti. Dan ġie rikonoxxut mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fejn jingħad illi dik il-konċessjoni tat lis-soċjetà appellanti l-jedd li topera l-moll inkwistjoni.

55. Irriżulta illi l-Awtorità appellanti ma kellha l-ebda sehem fl-operazzjoni tal-ħatt ta' merkanzija li waslet għall-korriment tal-attur. Il-*foreman* George Portelli ma hux impjegat tal-Awtorità iżda jifforma parti minn kooperattiva ta' foremen. Kif xehed il-*foreman* Emy Cassar, il-koperattiva tal-foremen għandha diversi kuntratti ma' diversi entitajiet sabiex jieħdu ħsieb ix-xogħolijiet fejn jidħlu l-ħaddiema tax-xatt.

56. Kif jipprovdi **Regolament 3 (2) tar-Regolamenti dwar Sigurtà fil-Baċiri (L.S. 424.03)**, liġi sussidjarja tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol:

> "1). Ikun dmir dak li għandu t-tmexxija u l-kontroll ġenerali ta' baċir, xatt jew moll, li josserva t-Taqsima II:
>
> Iżda jekk xi persuna oħra jkollha l-jedd esklużiv għall-okkupazzjoni ta' biċċa mill-baċir, xatt, jew moll, u jkollha t-tmexxija u kontroll ġenerali ta' dik il-biċċa, id-dmir dwar dik il-biċċa għandu jaqa' fuq dik il-persuna"

57. Isegwi għalhekk illi skont il-Kap. 424 l-obbligu statutorju għall-prevenzjoni ta' dannu għas-saħħa u l-ħajja tal-ħaddiema tax-xatt ġewwa Laboratory Wharf, Kordin jaqa' fuq is-soċjetà appellanti Valletta Gateway li kellha l-konċessjoni tiegħu. Bil-fatt li l-Awtorità appellanti hija

responsabbli mill-ħruġ tal-liċenzja lill-foremen inkluż dak li tela' abbord qabel bdiet l-operazzjoni tal-ħatt ma jirrendiex lill-Awtorità responsabbli sakemm ma jiġix ippruvat pereżempju illi l-liċenzja ma kellha qatt tinħareġ lil dak il-*foreman* partikolari.

58. Peress li qed issib l-ewwel aggravju fondat mhux meħtieġ li din il-Qorti tiddelibera wkoll dwar it-tieni aggravju. Konsegwentement ser tilqa' l-appell tal-Awtorità konvenuta.

59. **Għaldaqstant issib dan l-ewwel aggravju tal-Awtorità appellanti bħalal fondat u qed tilqgħu peress li qed issib illi l-eċċezzjoni tagħha li ma hix il-leġittimu kontradittur hija fondata.**

***Decide.***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda:

(i) Tilqa' parzjalment l-appell tas-soċjetà appellanti Valletta Gateway Terminals Limited, timmodifika s-sentenza appellata billi ssib illi l-attur ikkontribwixxa għall-inċident mertu tal-kawża u għalhekk tiddikjara illi għall-inċident u għad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur appellat huma responsabbli l-istess attur inkwantu għal terz ($^{1}/_{3}$) tar-responsabilità, u s-soċjetà appellanti Valletta Gateway inkwantu

għal żewġ terzi ($^2/_3$) tar-responsabilità. Għaldaqstant tirriduċi l-ammont ta' danni pagabbli mis-soċjetà Valletta Gateway Terminals Limited lill-attur għas-somma ta' ħamsa u sittin elf u erba' mitt ewro (€65,400) minflok l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti.

(ii) Tħassarha sa fejn ordnat l-imgħax legali.

(iii) Tilqa' l-appell tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, tħassar is-sentenza appellata sa fejn laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-awtorità, issib illi l-awtorità ma hix il-leġittimu kontradittur u konsegwentement tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

(iv) Mill-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

Bl-ispejjez sew tal-Prim Istanza kif ukoll tal-appell inkwantu għal terz ($^1/_3$) a karigu tal-attur appellat u inkwantu għal żewġ terzi ($^2/_3$) a karigu tas-soċjetà appellanti Valletta Gateway Terminals Limited.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm